

31991R3254

9.11.1991

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 308/1

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3254/91  
tau l-4 ta' Novembru 1991**

**li jipprojbixxi l-użu fil-Komunità ta' nasses li jaqbd u s-saqajn u l-introduzzjoni fil-Komunità ta' ġlud u merkanzija maħduma ta' ċerti speċi ta' annimali slavaġ li joriġinaw minn pajjiżi fejn dawn jinqabdu permezz ta' nasses li jaqbd u s-saqajn jew metodi ta' nsib li ma jkunux konformi man-normi internazzjonali ta' nsib b'mod uman**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 113 u l-Artikolu 130s tiegħu,

Wara li kunsidra il-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Wara li kunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>,

Billi l-Konvenzjoni ta' Berna tad-19 ta' Settembru 1979 dwar il-Konservazzjoni tal-Ħajja Ferali u l-Habitats Naturali fl-Ewropa, konklużi mill-Komunità Ekonomika Ewropea bid-Deċiżjoni 82/72/KEE <sup>(4)</sup>, tipprojbixxi għal ċerti speċi, l-użu kollu ta' meżżi mingħajr diskriminazzjoni tal-qbid u qtil inklużi nasses, jekk ta' l-aħħar ikunu applikati għal qbid u qtil fuq skala kbira jew m'hix selettiva,

Billi l-abolizzjoni ta' nasses li jaqbd u s-saqajn ikollu effett pożittiv fuq l-istatus ta' konservazzjoni ta' speċi ta' annimali slavaġ mhedda jew fil-periklu kemm fi ħdan u anki barra mill-Komunità, inklużi speċje protetti bir-Regolament (KEE) Nru 3626/82 <sup>(5)</sup>; billi riċerka fl-iżvilupp ta' metodi ta' nsib b'mod uman diġa teżisti u billi l-Komunità għandha wkoll tieħu akkont tax-xogħol li qiegħed jiġi mwettaq mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tan-Normi (ISO);

Billi, sabiex l-ispeċje ta' annimali slavaġ jkunu protetti kif xieraq u biex ikun evitat it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni, huwa meħtieġ li jkun assigurat li miżuri ta' kummerċ estern li għandhom x'jaqsmu magħhom ikunu applikati b'mod uiniformi fil-Komunità;

Billi, għalhekk, l-użu fil-Komunità ta' nasses li jaqbd u s-saqajn għandu jkun projbit u miżuri għandhom jittieħdu ħalli tiffaċilita

li l-importazzjoni ta' ġlud ta' ċerti speċi jkun ipprojbit meta dawn joriġinaw minn pajjiż fejn in-nassa tas-saqajn tkun għadha tintuża jew fejn il-metodi ta' l-insib ma jilhqx in-normi ta' nsib b'mod uman bażat fuq ftehim internazzjonali,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament: "nassa li taqbad is-saqajn": tfisser meżż iddisinjat li jżomm jew jaqbad lill-annimali permezz ta' xedaq li jagħlaq b'qawwa fuq waħda jew aktar mis-saqajn tal-annimal, b'hekk ma jħallix li s-sieq jew is-saqajn jinħarġu min-nassa.

*Artikolu 2*

L-użu ta' nasses tas-saqajn fil-Komunità għandhom ikunu projbiti l-aktar tard sal-1 ta' Jannar 1995.

*Artikolu 3*

1. L-introduzzjoni fil-Komunità ta' ġlud ta' l-ispeċi tal-annimali elenkati fl-Anness I u l-oġġetti elenkati fl-Anness II, sakemm dawn jinkorporaw ġlud ta' l-ispeċi elenkati fl-Anness I, għandhom ikunu projbiti mill-1 ta' Jannar 1995, sakemm il-Kummissjoni, bi qbil mall-proċedura rikjesta fl-Artikolu 5, tkun iddeterminat li, fil-pajjiż minfejn il-ġlud joriġinaw:

- ikun hemm dispożizzjonijiet amministrattivi jew legiſlattivi adegwati eżistenti biex jipprojbixxu l-użu ta' nasses tas-saqajn; jew
- il-metodi ta' nsib użati għall-ispeċi elenkati fl-Anness I jilhqx in-normi tal-insib b'mod uman bażati fuq ftehim internazzjonali

<sup>(1)</sup> ĠU C 134, tal-31.5.1989, p. 5 u ĠU C 97, tat-13.4.1991, p. 10.

<sup>(2)</sup> ĠU C 260, tal-15.10.1990, p. 24.

<sup>(3)</sup> ĠU C 168, ta' l-10.7.1990, p. 32.

<sup>(4)</sup> ĠU L 38, ta' l-10.2.1982, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 384, tal-31.12.1982, p. 1.

Il-Kummissjoni għandha tippublika fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* lista tal-pajjiżi li jkunu konformi mill-anqas ma' waħda mill-kundizzjonijiet esiġiti fl-ewwel paragrafu.

2. Il-projbizzjoni li hemm riferenza dwarha fil-paragrafu 1 għandha tkun sospiża għal sena, li tiskadi fil-31 ta' Diċembru 1995, jekk il-Kummissjoni, bi qbil mall-proċedura esigita fl-Artikolu 5, tkun ġiet esigita qabel l-1 ta' Lulju 1994, bħala riżultat tar-reviżjoni meħudha b'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi konċernati, li progress suffiċjenti jkun qiegħed iseħħ fl-iżvilupp tal-metodi ta' nsib b'mod uman fit-territorju tagħhom.

#### Artikolu 4

Pajjiżi li jesportaw jew jesportaw mill-ġdid lejn il-Komunità wara l-1 ta' Jannar 1995 l-oġġetti elenkati fl-Anness II, sakemm dawn jinkorporaw għal tal-ispeċji elenkati fl-Anness I, għandhom jiċċertifikaw li daww il-għal joriġinaw f'pajjiż li jidher fil-lista li hemm ierferenza dwarha fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 3(1) jew li jibbenefikaw mis-sospensjoni bi qbil ma' l-Artikolu 3(2).

Il-Kummissjoni, bi qbil mal-proċedura esigita fl-Artikolu 5, għandha tiddetermina l-formoli xierqa għal din iċ-ċertifikazzjoni.

#### Artikolu 5

Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 3, il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-kumitat stabbilit bl-Artikolu 19 tar-Regolament (KEE) Nru 3626/82.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-kumitat

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fl-4 ta' Novembru 1991.

għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz fiż-żmien limitat li l-President jista' jimponi skond l-urġenza tal-każ. L-opinjoni għandha tkun mogħtija mill-maġġoranza kif stipulata fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill ikun meħtieġ li jaddotta dwar il-proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat għandhom ikunu mwieżna skond kif stipulat f'dak l-Artikolu. Il-President m'għandux jivvota.

Il-Kummissjoni għandha taddotta l-miżuri maħsuba jekk dawn ikunu skond l-opinjoni tal-kumitat.

Jekk il-miżuri maħsuba ma jkunux skond l-opinjoni tal-kumitat, jew jekk l-ebda opinjoni ma tingħata, l-Kummissjoni għandha, bla ebda dewmien, tissottometti lill-Kunsill proposta marbuta mal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

Jekk, meta jiskadi l-perjodu ta' tlett xhur mid-data li fiha s-suġġett ikun ġie riferut lejn il-Kunsill, il-Kumitat ikun għandu ma agġixxi, il-miżuri proposti għandhom ikunu adottati mill-Kummissjon

#### Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għall-Kunsill

Il-President

H. VAN DEN BROEK

## L-ANNEX I

**Lista ta' speċji li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 3(1)**

Beaver (kastur):	<i>Castor canadensis</i>
Otter:	<i>Lutra canadensis</i>
Coyote:	<i>Canis latrans</i>
Wolf:	<i>Canis lupus</i>
Lynx:	<i>Lynx canadensis</i>
Bobcat:	<i>Felis rufus</i>
Sable:	<i>Martes zibellina</i>
Raccoon:	<i>Procyon lotor</i>
Musk rat:	<i>Ondatra zibethicus</i>
Fisher:	<i>Martes pennanti</i>
Badger:	<i>Taxidea taxus</i>
Marten:	<i>Martes americana</i>
Ermine:	<i>Mustela erminea</i>

---

## L-ANNEX II

## Oġġetti oħra li hemm riferenza dwarhom fl-Artikolu 3(1)

Kodiċi CN	Deskrizzjoni
ex 4103	Apparti minn ġlud mhux ikkunzati (friski, jew immelħa, bil-ġir, bil-hall jew b'mod ieħor ippriservati, imma mhux ikkunzati, miksija bil-parċmina jew ippreparati aktar), sew jekk imqaxxa jew le, jew maqsuma, appartu minn dawk esklużi b'nota 1 (b) jew 1 (c) għal kapitolu 41
ex 4103 90 00	Oħrajn
ex 4301	Ġlud tas-suf mhux ikkunzati (inklużi rjus, dnieb, riġlejn u bċejjeċ oħra jew qtugħ, tajbin għall-użu tal-ħaddiem tal-ġlid), appartu minn ġlud mhux ikkunzati ta' Kodiċi 4101, 4102, jew 4103
ex 4301 40 00	tal-beaver, sħaħ, bill- jew mingħajr ir-ras, id-denb jew riġlejn
ex 4301 80	Ġlud bis-suf oħrajn, sħaħ, bill- jew mingħajr ras, denb jew riġlejn
ex 4301 80 50	Ta' Fellini Ferjali
ex 4301 80 90	Oħrajn
ex 4301 90 00	Irjus, dnieb, riġlejn u bċejjeċ oħra jew qtugħ, tajbin għall-użu tal-ħaddiema tal-ġlud
ex 4302	Ġlud bis-suf ikkunzati jew miksija (inklużi rjus, dnieb, riġlejn u bċejjeċ oħra jew qtugħ), mhux meħjuta jew meħjuta (mingħajr iż-żieda ta' materjali oħra), appartu minn dawk ta' Kodiċi 4303: — ġlus sħaħ, bir-ras jew mingħajra, bid-dnieb jew saqajn jew mingħajrhom, mhux meħjuta
ex 4302 19	Oħrajn
ex 4302 19 10	Tal-beaver
ex 4302 19 70	Ta' felines ferjali
ex 4302 19 90	Oħrajn
ex 4302 20 00	Irjus, dnieb, riġlejn u bċejjeċ oħra jew qtugħ, mhux meħjuta
ex 4302 30	Ġlud sħaħ jew bċejjeċ jew qtugħ minnhom, meħjuta
ex 4302 30 10	Ġild bis-suf imwaqqa Oħrajn
ex 4302 30 35	Tal-beaver
ex 4302 30 71	Ta' felini slavaġ
ex 4302 30 75	Oħrajn
ex 4303	Oġġetti ta' l-ilbies, aċċessorji tal-ħwejjeġ u oġġetti oħra, ta' ġlud bis-suf
ex 4303 10	Oġġetti ta' l-ilbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ
ex 4303 10 90	Oħrajn
ex 4303 90 00	Oħrajn